# Mitt Sena Ilu!
# Jasal fil-Port tal-Imġarr, Sett ta' Ħames Qniepen, Għall-Knisja Parrokkjali tal-Qala

*Minn: EUCHAR MIZZI*

**Opra ta' Sett ta' Ħames Qniepen għall-Parroċċa tal-Qala:**
Din l-opra hekk kbira saret bil-ħidma tal-Kappillan Dun Ġużepp Cassar – il-ħames Kappillan tal-Qala, sett qniepen ġodda l-ġmiel tagħhom, l-ewwel f'Għawdex tad-ditta Baricozzi ta' Milan fl-Italja.

Dawn il-qniepen fuq it-ton ta' "La Grave" ġew ordnati fuq in-noti ta' Mons. Ġużeppi Farrugia (tal-Vers) li fihom piż ta' kilogrammi kif ser nispjega mill-kbira l-isfel: 2800, 1370, 800, 340 u 170. Il-piż totali tal-ħames qniepen jammonta għal aktar minn 5,480 kilogrammi.

Dawn il-qniepen kienu swew b'kollox £1,145 15s 5d, li minnhom kienu tħallsu dwana £102 3s 1d. Din is-somma ġiet miġbura kollha mill-poplu tal-Qala.

**Wasla tal-Qniepen fl-Imġarr:**
Kien it-22 ta' Ġunju tas-sena 1922, meta s-Sett ta' Ħames Qniepen, waslu fil-Port tal-Imġarr permezz ta' dgħajsa tal-latini G70, fejn ġew milqugħa mill-poplu u l-Kleru u bit-tiri tal-maskli sparati mill-għolja msejħa 'il-ħitba'.

Dawn il-Qniepen, kienu tpoġġew imdendlin quddiem il-faċċata tal-Knisja tal-Qala, imżejnin bil-fjuri u weraq tar-rand, lesti għall-inawgurazzjoni u t-tberik tagħhom. It-tberik tagħhom sar fit-2 ta' Lulju 1922, fejn wara diskors minsuġ bl-akbar sengħa minn Dun Mikiel Cefai, iben il-Qala (li wara laħaq Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi Għawdxija), sar it-tberik mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Ġużè Maria Camilleri, Isqof ta' Għawdex.

**Tberik u Għoti ta' Isem lill-Ħames Qniepen:**
F'dak il-jum għażiż il-qanpiena l-Kbira ġiet mogħtija l-isem ta' EWKARISTIKA u għamilha ta' parrinu għaliha Dun Franġisk Buttigieg D.D., l-ixjaħ qassis tal-Parroċċa tal-Qala. Lit-Tieni waħda ngħata l-isem ta' MARIJA IMMAKULATA, u kellha bħala parrinu tagħha lil Dun Mikiel Mercieca, Prokuratur tal-introjtu li ħadem qatigħ għall-ġbir ta'dawn il-qniepen. Lit-Tielet waħda tawha l-isem ta' ĠUŻEPPA u l-parrinu kien Dr. Salvatore Attard, Avukat, bħala persuna l-aktar dinjituża fil-Parroċċa. Lir-Raba' waħda tawha l-isem ta' MIKELINA u kellha bħala parrinu lis-Sur Ġużeppi Meilaq, Surġent tal-Pulizija. Il-



**Paġna Suffraġju għall-Erwieħ ta' Karmnu u Grezzja Buttigieg**



Ħames qanpiena, dik magħrufa bħala ż-żgħira ġiet imsejħa PAWLA u kellha bħala parrinu lis-Sur Ġużeppi Cremona, benefattur kbir tal-knisja.

**Il-Qniepen Jittellgħu f'Posthom fil-Kampnari:**
Dawn il-qniepen sabu posthom fil-kampnari tagħhom, il-Kbira f'dak tax-xellug meta tkun tħares lejn il-knisja, waqt li l-erbgħa l-oħra fil-kampnar tal-lemin. Dawn ittellgħu f'posthom minn irġiel mill-Qala bil-għajnuna tas-suldati Maltin li offrew l-id esperta tagħhom għal din il-biċċa xogħol ferm delikata.

Il-konsagrazzjoni ta' dawn il-qniepen saret il-Ħadd u qabel daqqet mota li bil-ferħ xarrbet bid-dmugħ mhux biss lill-Qalin imma wkoll lil dawk tal-bogħod li bl-akbar ħerqa qagħdu jisimgħu d-daqq hekk intonat, armonjuż u li jpaxxi l-widna u jferraħ il-qlub ta' dawk li jisimgħuhom. Dan seħħ fid-9 ta' Lulju 1922, fejn saret festa solenni kif ukoll dik esterna fl-okkażjoni ta' dawn il-qniepen ġodda tal-Qala.

F'din iċ-ċelebrazzjoni ta' ferħ u divertiment ħadet sehem il-Banda Filarmonika Queens Own tal-Isla Malta.

**Restawr tal-Erba' Qniepen tal-Kampnar tal-Arloġġ:**
Huwa ta' sodisfazzjon ninnutaw li fis-sena 2002 ġie fi tmiemu r-restawr tal-erba' qniepen tal-kampnar tal-lemin, dak li fih insibu l-arloġġ tal-knisja. Dan sar flimkien mar-restawr tal-istess kampnar li kien jeħtieġ azzjoni immedjata u partikulari. Fis-sena 2019 imbagħad, kien sar ir-restawr kbir fuq il-kampnar l-ieħor, dak tal-qanpiena l-kbira. Dan ir-restawr kienet ħallset għalih 75% l-Unjoni Ewropea, liema restawr kien esegwit minn restawraturi Taljani minn Sardegna. Dakinhar kien sar anke restawr fuq l-ilsien ta' din il-qanpiena u kien inbidel anke l-ġild li bih tinsab imdendla. Dan kollu sar biex titwaqqaf il-ħsara li kienet saret mal-medda taż-żmien u nirrestawraw u nirranġaw dik l-istess ħsara b'ġebel u lavur ġdid. Minbarra dan, matul iż-żmien saru diversi interventi ta' restawr fuq il-qniepen bħall-imrietel li jdoqqu l-ħin, il-bdil tal-ġild li minnhom huma mdendlin l-ilsna, żebgħa anke tat-travi li jżommuhom u dak kollu li kien hemm bżonn.

**Inroddu Ħajr lil Alla:**
Għalhekk illum huwa xieraq li nfakkru dan l-avveniment storiku u importanti għall-Qala u aktar minn hekk għall-knisja tagħna. Min jaf kemm erwieħ tajba semgħu dan il-leħen ta' dawn il-qniepen u kkoperaw miegħu billi ħallew kollox u ngħabru f'riġlejn Ġesù, Marija u Ġużeppi u hemm wettqu d-devozzjonijiet tagħhom kif jitlob it-twemmin Nisrani reliġjuż li aħna lkoll inħaddnu. Ta' dan nirringrazzjaw lil Alla l-Imbierek, lil Marija Immakulata u lil San Ġużepp għall-grazzji kbar li huma sawbu fuqna u fuq raħalna tul dawn il-Mitt Sena permezz ta' dawn il-Qniepen li jiffurmaw parti mill-Kult divin.■

Nota:
Min jixtieq li jaqra aktar fuq il-qniepen tal-Knisja Arċipretali tal-Qala, nissuġġerilu li jaqra l-artiklu "Disgħin sena mill-wasla tal-Qniepen tal-Qala Fostna" ta' Steve Bartolo, li deher fil-Leħen il-Qala – Festa 2012, paġna 15.